MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 195/1993/2

**Joseph Aquilina, ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-beni ta' l-entitajiet religjuzi djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess il-Mensa Arciveskovili u b'nota tal-4 ta' Frar 2003, Vincent Ciliberti Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof assuma l-atti ta' l-appell minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Antonio Borg u ibnu Jesmond Borg.**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI ATTRICI

1. B'citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq indikati pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili Joseph Aquilina nomine ippremetta li huwa proprjetarju ta' bicca art maghrufa bhala Porzjoni 33 mill-hekk imsejjah Feudo Grande mqabbla lill-konvenut Antonio Borg; li l-konvenuti jew min minnhom bnew detached villa u dan fuq arja, inkluza l-front garden, ta' cirka 117 qasab kwadri (arja ta' zewg semi-detached villas) Dok A; li dan sar minghajr permess anzi ad insaputa kompleta tal-Kurja propretarja; li dan jikkostitwixxi usurpazzjoni illecita ta' proprjeta`; u talab li, premessa d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom bnew l-imsemmija villa fuq art tal-knisja minghajr permess jew annwenza taghha **1.** ikunu kkundannati li fi zmien qasir u perentorju li tiffissalhom il-Qorti ihottu u jiddemolixxu dak kollu li bnew illegalment u abuzivament fuq art ta' l-attur nomine u dan taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' perit nominand; u **2.** in difett l-attur stess m'ghandux ikun awtorizzat jaghmel ix-xoghol ta' demolizzjoni u ripristinu ta' l-art ghal kif kienet qabel a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom izda dejjem taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-istess perit nominand; bl-ispejjez.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

2. Il-konvenuti eccepew li: 1. ic-citazzjoni hija nulla ghax maghmula minn prokuratur ghan-nom ta' haddiehor, u ghalhekk huma ghandhom jigu liberati mid-domandi; 2. il-bini ma sarx minn Antonio Borg, kif jaf is-sid, u ghalhekk gie mharrek hazin u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; 3. minghajr pregudizzju tal-premess, mhux minnu li nbniet villa bi front garden; inbniet farmhouse b'abitant bil-kunsens tal-proprjetarju ta' l-art; u li ghalhekk fi kwalunkwe kaz id-domandi ta' l-attur nomine ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.

3. Illi b'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri l-esponenti eccipew li huma ghandhom jigu liberati mid-domandi peress li l-enti

ekklezjastiku m'ghandux interess biex seta' jaghmel din il-kawza.

**IS-SENTENZI APPELLATI**

4.1. L-ewwel Qorti, b'sentenza tal-31 ta' Awwissu 1993 cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ghar-ragunijiet hemm migjuba.

4.2. Dik il-Qorti wkoll b'sentenza taghha tad-19 ta' Frar 1996 iddikjarat li l-imsemmija villa nbniet fuq art tal-knisja minn Jesmond Borg fuq art imqabbla ghand Antonio Borg minghajr il-permess taghha, u kkundannat lill-konvenuti li fi zmien sitt xhur minn dik id-data jhottu u jiddemolixxu dak kollu li bnew illegalment u abbuzivament fuq art ta' l-attur, bis-sanzjonijiet hemm imsemmija u bl-ispejjez kontra taghhom, ghal motivi hemm migjuba.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

5. Il-konvenuti hassewhom aggravati b'dawk is-sentenzi u minnhom interponew appell quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju tant ghaliex giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, kemm ghaliex gew michuda l-eccezzjonijiet numri 2 u 3, u giet akkolta t-talba ta' l-attur, kif ser jigi imfisser.

(i) Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huwa is-segwenti. L-esponenti Antonio Borg ghandu bi qbiela bicca raba li kienet ta' l-Isqof sakemm giet trasferita lill-Gvern skond l-Att ta' l-1992 dwar il-Proprjeta` ta' Enti Ekklezjastici.

Meta l-art kienet ghadha ta' l-Isqof u amministrata mill-Kurja, l-esponenti rrikorrew ghand l-ufficjal tal-Kurja inkarigat mill-amministrazzjoni ta' dan ir-raba biex jiehdu approvazzjoni li Jesmond Borg jibni farmhouse ghalih fuq bicca zghira mir-raba mikri lil missieru, li ma kienx isib oggezzjoni icedilu bicca.

Dak l-ufficjal, Dun Anton Abela, qalilhom u tahom x'jifhmu li ma kienx hemm oggezzjoni min-naha tal-Kurja – u difatti sar bini faccata ta' fejn ried jibni Jesmond – u pprepara rikors ghal dan l-iskop. Qalilhom ukoll li malli johrog il-permess tal-bini mill-awtorita` civili l-esponent jista' jibni.

B'din l-approvazzjoni Jesmond Borg applika ghall-permess tal-bini. Meta rcieva l-permess mar bih ghand l-imsemmi ufficjal tal-Kurja, u dan irreferieh ghand Mons. Carmelo Zammit, kap tat-taqsima proprjeta` fil-Kurja. Dan qallu li jibghat perit u hadlu tletin lira ghall-ispejjez. Sadanittant, il-hsieb kien illi dik il-bicca zghira ta' raba tinkera lil Jesmond Borg.

Il-konvenut kellu terminu perentorju ta' tnax-il xahar fil-permess biex jibni, u peress li ma tfaccax il-perit mill-Kurja, hu kellu jibni skond il-permess. In segwitu tela' l-perit li baghtu tal-Kurja. Il-perit talab lil Jesmond Borg il-pjanta tal-farmhouse u hadha.

Fit-23 ta' Frar 1993 il-konvenuti imbaghad ircevew ic-citazzjoni li kienet giet ipprezentata fit-18 ta' Frar 1993, data li fiha kien gie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment ta' proprjeta` mill-Kurja lill-Gvern skond l-Att ta' l-1992 fuq imsemmi.

(ii) L-aggravju tal-konvenuti dwar l-ewwel sentenza huwa illi l-art in kwistjoni kienet giet trasferita lill-Gvern kif fuq intqal u ghalhekk ma setghetx issir din il-kawza.

Difatti, il-kuntratt ta' trasferiment gie ffirmat fit-18 ta' Frar 1993 u ghalhekk huwa f'din id-data illi l-proprjeta` ghaddiet minghand il-Kurja ghal ghand il-Gvern. Dan sar in forza tal-ligi fuq imsemmija. Skond l-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249, Art. 5, ligi tidhol fis-sehh minnufih f'nofs il-lejl ta' qabel id-data tad-dhul taghha fis-sehh. Din ir-regola, fic-cirkostanzi hawn imsemmija, ghandha tapplika ghall-kuntratt li sar in forza tal-ligi ta' l-1992, u ghalhekk il-Gvern akkwista l-proprjeta` in kwistjoni minghand il-Kurja minn nofs il-lejl ta' qabel it-18 ta' Frar 1993. Konsegwentement, ic-citazzjoni odjerna ma setghetx tigi prezentata f'dik id-data ghaliex il-Kurja kienet zvestiet ruhha minn dik il-proprjeta`. Mhux biss, imma kif jidher mid-dokument esibiti mill-esponenti fil-kawza, ta' dik l-art il-Gvern hallas u l-Kurja rceviet il-prezz tat-trasferiment.

Inoltre, kif gie sottomess fin-nota ta’ l-esponenti tat-30 ta’ Gunju 1993, b’riferenza partikolari ghall-ftehim tat-28 ta’ Novembru 1991 ghat-trasferiment tal-proprjeta` mill-Kurja lill-Gvern li sar ligi bl-Att IV ta’ l-1992 fuq imsemmi li dahal fis-sehh fit-12 ta’ Gunju 1992 u li jinsab anness bhala skeda ma’ l-Att, u ghall-Art. 2 ta’ dik l-iskeda, il-proprjeta` ghaddiet lill-Gvern u m’hijiex wahda minn dawk illi t-trasferiment taghhom gie pospost.

It-test ta’ dak il-ftehim, kif sorrett mill-intenzjoni tal-partijiet, ampjament spjegata mill-Prim Ministru fil-Parlament, kif kwotat fl-istess nota u kif tirrizulta mid-dibattitu Parlamentari li kopja tieghu giet esibita ma’ dik in-nota, teskludi li l-ghalqa in kwistjoni mikrija lill-esponenti Antonio Borg ma gietx trasferita lill-Gvern.

Huwa car li l-intenzjoni tal-partijiet, u din hija importanti (ara Art. 1003, Kap. 16), kienet illi fejn jinghad f’dik il-klawsola 2 tal-ftehim li proprjeta` li tkun soggetta ghal kawza ma’ enti ekklezjastiku ma tigix trasferita lill-istat sakemm ma tispiccax il-kawza, din l-eccezzjoni ghat-trasferiment immedjat saret biex fejn hemm kawza tal-privat biex jirrivendika proprjeta` li enti ekklezjastiku qed jitrasferixxi lill-Gvern b’dak il-ftehim, il-Gvern ma jakkwistax dik il-proprjeta` qabel ma tispicca l-kawza, biex il-Gvern ma jakkwistax proprjeta` li hi tal-privat, jew li jidhol f’kawzi simili fejn il-privat qieghed jirrivendika proprjeta` tieghu.

Ghall-kuntrarju ta’ dan, din il-kawza m’hijiex qed issir minn privat li jirrivendika art tieghu, u ghalhekk lanqas taht dan l-aspett ma setghet issir il-kawza prezenti.

L-ewwel Qorti li tat is-sentenza tal-31 ta’ Awwissu 1993 setghet giet zvijata minhabba li dik il-Qorti, kif kienet presjeduta, kienet ghadha kif tat sentenza, fl-24 ta’ Mejju 1993, b’riferenza ghal dak l-Art. 2 tal-ftehim izda fuq kawza ta’ indoli differenti mill-prezenti, ghaliex f’dak il-kaz il-privat kien qed jaghmel kawza lill-Kurja biex jirrivendika art tieghu (Gaetano Sultana et. vs. Joseph Aquilina nomine, li minnha skaturiet il-kawza fl-ismijiet invertiti hawn riferita).

Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, *actio non datur* u l-appellanti ghandhom jigu liberati mid-domandi.

(iii) Subordinatament, kwantu ghas-sentenza tad-19 ta' Frar 1996 l-esponenti jissottomettu dan li gej:

L-ewwel Qorti naqset li tittratta t-tieni eccezzjoni illi l-bini ma sarx mill-esponent Antonio Borg, kif jaf l-attur, u ghalhekk hu gie mharrek hazin u ghandu jigi liberat mill-osservanza. Il-provi juru car li l-attur kien jaf li ma kienx Antonio Borg li bena. L-attur stess fic-citazzjoni uza l-kliem "jew min minnhom" b'riferenza ghall-konvenuti.

Jirrizulta illi l-esponent Antonio Borg huwa l-gabillott ta' l-ghalqa li fuq parti zghira minnha Jesmond Borg bena l-farmhouse. Ghalhekk hu kellu u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Dejjem in subordine, u fil-meritu, Jesmond Borg kellu l-approvazzjoni tal-Kurja biex hu jibni l-farmhouse salv ir-regolament tal-kera tal-bicca art li fuqha jkun bena. Dan hu sorrett ukoll mill-fatt illi sar inkontru ma' Mons. Carmelo Zammit bhala kap tat-taqsima ta' proprjeta`, li fih il-partijiet qablu illi tigi ffissata l-kera ta' dik il-bicca art li ghandu jhallas Jesmond Borg.

L-ewwel Qorti naqset li tinvesti l-lanjanza ta' l-esponenti rizultanti mill-verbali tal-kawza fejn l-esponenti talbu illi jigi prodott il-file tal-Kurja minn fejn kien jirrizulta tant l-annuwenza tal-Kurja li Jesmond Borg jibni kemm il-ftehim gia` msemmi li jigi ffissat il-kera ghall-parti ta' l-art li giet mibnija, izda dan il-file ma kienx disponibbli ghall-Qorti u ghall-esponenti fuq il-pretest illi ma nstabx ghalkemm kien fil-pussess tal-Kurja. L-esponenti ghandhom dritt li dak il-file jigi prodott ghax fih hemm id-dokumenti u informazzjoni rilevanti ghall-kawza fosthom il-ftehim iffirmat tal-kera fuq imsemmi.

Dina l-Qorti ma ghandhiex tippermetti li l-parti avversarja fil-kawza tissottrai l-prova li ghaliha l-appellanti ghandhom dritt u hekk tipprivahom milli jikkompletaw il-provi

taghhom. L-esponenti jissottomettu li l-Qorti ghandha taghti l-provediment opportun biex din is-sitwazzjoni tigi rrangata fl-interess li tigi amministrata sewwa l-gustizzja ma' l-esponenti f'dan il-kaz.

Barra dak li diga` ssemma, ix-xhud Dun Anton Abela ma setax jiftakar dettalji tad-diskors li kien sar ma' l-esponenti jekk ma jarax il-file u allura l-esponenti ma setghux jindikawlu mill-file il-minuti li rregistraw id-diskors bid-dati relattivi. Barra dan ix-xhud anke cahad li r-rikors a fol. 10 tal-process kien kitba tieghu meta l-esponenti xehdu li kitbu hu. Lanqas dan ma seta' jigi verifikat minghajr il-file fejn hemm il-kitbiet ta' l-istess Dun Abela.

Kif jidher mill-att tac-citazzjoni l-attur ghamel kawza ghaliex jippretendi li l-esponenti bnew fuq l-art tieghu "minghajr permess jew annuwenza tieghu" u ad insaputa kompleta tal-Kurja, u li dan jikkostitwixxi uzurpazzjoni illecita ta' proprjeta`. Fil-verita` m'hemm xejn iktar 'il boghod minn din l-allegazzjoni.

Tant hu hekk illi b'ebda mod l-attur ma pprova li saret uzurpazzjoni ta' xi proprjeta`. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ta' l-eccezzjoni li l-Kurja ma kellhiex il-proprjeta` tal-bicca art in kwistjoni meta giet intavolata bla mistennija l-kawza.

Tant ma saritx uzurpazzjoni li fil-fatt Jesmond Borg kien ottjena l-annuwenza tal-Kurja permezz ta' ufficjal taghha qabel ma bena. U in segwitu dahal fi ftehim ma' ufficjal tal-Kurja biex tigi valutata l-kera tal-bicca art li bena. Dan certament jeskludi l-allegazzjoni ta' "uzurpazzjoni illecita ta' proprjeta`".

L-appellant Jesmond Borg kellu l-annuwenza tal-Kurja kif jirrizulta mill-provi minnu prodotti. Dawn il-provi setghu gew amplifikati bi provi ulterjuri kieku ma kienx ghall-ostakolu da parti ta' l-attur li jaghmel disponibbli ghall-Qorti u ghall-esponenti dak il-file fil-pussess tieghu.

L-appellanti jirrilevaw ukoll illi l-attur qed jaghmel din il-kawza meta m'ghandux interess fl-ezitu taghha ghaliex

anke fl-eventwalita` li ghadu proprjetarju ta’ l-art in kwistjoni, huwa m’hu se jiehu xejn billi iwaqqa’ l-farmhouse, li hu ezotikament isejhilha villa, u jerga’ jaghmel dik il-bicca art raba kif kienet, biex tghaddi ghand il-Gvern f’dan l-istat, u dan meta hu diga` thallas ta’ l-art kollha kif jirrizulta mid-dokument esibit fil-kawza. Jekk iwaqqa’ l-bini dan ikun ghamlu biss b’pika jew b’dispett fil-konfront ta’ l-esponenti.

Ghalhekk l-appellanti filwaqt li interponew appell mis-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f’din il-kawza wahda tal-31 ta’ Awissu 1993 u l-ohra tat-12 ta’ Frar 1996, talbu li dina l-Qorti tilqa` l-eccezzjonijiet u tirrevoka l-imsemmijin zewg sentenzi u hekk tichad it-talbiet ta’ l-attur nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-ATTUR NOMINE GHAR-RIKORS TA’ L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

6. L-appellat nomine wiegeb hekk:

(i) Is-sentenza appellata hi gusta u timmerita konferma.

(ii) Il-partijiet ga ttrattaw b’mod ezawrjenti f’noti, il-punti mqanqla bhala aggravi ta’ l-Appell. In succint jinghad:

a. dwar il-mankanza ta’ nteress fl-attur biex ippropona l-kawza billi l-proprjeta` tal-Knisja ghaddiet ghand il-Gvern: l-Artiklu 1(2) tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta’ Malta tat-28 ta’ Novembru 1991 inkorporat fl-Att IV ta’ l-1992 ighid li sakemm proprjeta` ekklezjastika tkun “the subject matter of a lawsuit”, din il-proprjeta` <u>ma tghaddix ghand il-Gvern</u> sakemm tispicca l-kawza (ara wkoll is-sentenza Prim Awla ta’ l-24 ta’ Mejju 1993 in re. “Joseph Aquilina nomine vs Gaetano Sultana et”). Fir-replika li kien ipprezenta l-esponenti quddiem l-ewwel Qorti hemm risposta ezawrjenti ghal dak sottomess fil-paragrafi 15 sa 21 tar-Rikors ta’ l-Appell u l-esponenti, a skans ta’ ripetizzjoni, jaghmel ampja referenza ghaliha (ara wkoll is-sentenza preliminari tas-27 ta’ April 1995 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili in re. “Maria Concetta Barbara vs Joseph Aquilina nomine et”).

b. dwar il-persuna li effettivament ikkawzat l-ispoll – jekk hux Antonio Borg jew ibnu Jesmond – poco taghmel differenza ghax it-tnejn gew citati fil-kawza. Li hu zgur – u dan jammettuh l-appellanti – hu li Antonio Borg kellu titolu ta’ qbiela fuq l-art in kwistjoni u fuq din l-art il-konvenuti jew min minnhom bena villa mhux “farmhouse” kif jista’ jigi konstatat mir-rapport u pjanta tal-Perit Ellul Vincenti ezebiti mac-citazzjoni. Skond dan il-Perit, inbniet detached villa fuq estensjoni ta’ cirka 117 q.k., arja - dejjem skond il-Perit - li normalment tiflah zewg semi-detached villas (altru minn razzett!!).

c. assolutament mhux minnu li kien hemm l-approvazzjoni tal-Kurja ghall-ispoll kommess. Il-konvenuti kienu ripetutament jitolbu biex jixtru l-art jew johduha b’cens: fil-kors ta’ dawn it-trattattivi, il-konvenuti hadu l-ligi f’idejhom u bnew. Dan hu sfaccatament ammess fil-paragrafi 9 sa 12 u 24/25 tar-Rikors ta’ l-Appell.

d. dwar il-produzzjoni tal-File tal-Kurja: irrizulta li dan ma giex rintraccjat ghax possibilment dahal go File iehor ghax kieku l-Kurja ma kienx ikollha ebda diffikulta` li tipproducih billi m’ghandha xejn x’tahbi. PERO` il-Files huma materja nterna ta’ l-amministrazzjoni u n-non-producibilita` taghhom (ghax ma jinstabux) ma tistax tivvulnera l-kawza li tirrigwarda biss jekk sarx spoll fuq art tal-Knisja u, jekk sar, dan l-ispoll jitnehha. Il-File llum instab u, hlief ghal Minuti (li huma kunfidenzjali ghax interni) hu ‘available’ ghall-Qorti. X’isir wara li tinqata’ l-kawza – u dan qed jinghad b’referenza ghal dak li jinghad fil-paragrafi 33 tar-rikors ta’ l-appell – mhux affari l-konvenuti li, skond l-attur, huma l-ahhar persuni li jistghu jitkellmu ghax huma l-persuni li kisru l-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk gia` sottomessi quddiem l-ewwel Qorti l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

7. L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma ta’ zewg tipi, igifieri hemm aggravji ta’ indole legali u ohrajn li huma

dwar l-evalwazzjoni ta' provi ta' fatt koncernenti l-meritu tal-vertenza.

8. Dwar l-aggravji ta' indole legali, il-konvenuti ghadhom isostnu li l-kawza kif proposta kienet irrita u improponibbli in kwantu l-art li fuqha inbniet il-villa jew il-"farmhouse" – punt iehor in kontestazzjoni – da parti ta' l-appellant Jesmond Borg ma kenitx ghadha aktar tappartjeni lill-attur appellat nomine fil-mument li saret il-kawza imma kienet invece giet ittrasferita lill-Gvern Malti u li ghalhekk l-attur nomine ma kellux "locus standi" u konsegwentement din il-kawza ma setghetx issir ad istanza ta' l-attur appellat nomine.

9. In sostenn, l-appellanti jirreferu ghall-fatt li l-kuntratt ta' trasferiment maghmul bejn il-Kurja Arciveskovili ta' Malta u l-Gvern Malti gie mqieghed fis-sehh fit-18 ta' Frar 1993 u l-kawza in ezami giet intavolata proprju fit-18 ta' Frar 1993, jigifieri tardivament. Jigi rilevat hawn illi skond l-Artikolu 5 tal-Kap. 249 – l-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni – ligi tidhol fis-sehh f'nofs il-lejl ta' qabel id-data tad-dhul ta' dik il-ligi, jigifieri, f'dan il-kaz, min-nofs il-lejl li ta bidu l-jum tat-18 ta' Frar 1993. "Konsegwentement – isostnu l-appellanti – ic-citazzjoni odjerna ma setghetx tigi prezentata f'dik id-data ghaliex il-Kurja kienet zvestiet ruhha minn dik il-proprjeta`".

Ghal fini ta' aktar elucidazzjoni jirrizulta li l-proprjeta` li qabel kienet tal-Knisja u amministrata mill-Kurja Arciveskovili, kienet ghaddiet ghand il-Gvern a bazi ta' ftehim milhuq bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta fit-28 ta' Novembru 1991, liema ftehim in segwitu gie inkorporat fl-Att IV ta' l-1992. In forza ta' Avviz Legali numru 57/93 imbaghad dana l-Att gie rez applikabbli, ghall-finijiet tal-vertenza odjerna, fid-data tat-18 ta' Frar 1993. Dan l-Avviz Legali deher fil-Gazzetta tal-Gvern in data tat-30 ta' April, 1993.

10. Issa mill-ftehim milhuq bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta li wara, kif inghad, gie inkorporat fl-Att IV tal-1992, gie miftiehem li sakemm proprjeta` ekklezjastika tkun "the subject matter of a lawsuit", din il-

proprjeta` ma tghaddix ghand il-Gvern sakemm tispicca l-kawza. Darba li dina l-art, li kienet proprjeta` tal-Knisja, hija suggett ta' kawza pendenti, qieghed isostni l-appellat nomine, allura ghandu jsegwi li sakemm tispicca l-kawza din il-proprjeta` tkun ghadha m'ghaddietx ghand il-Gvern. U bhala proprjeta` li ghadha taghha, il-Kurja ghad ghandha l-interess guridiku li tharisha kontra min jipprova jispoljaha jew juzurpraha.

11. Minn naha taghhom, l-appellanti jikkontendu li l-Att kif promulgat ma kellux jigi interpretat bil-mod kif qed jigi interpretat mill-appellat nomine. Huma ghamlu riferenza wkoll ghad-dibattiti parlamentari fi Stadju ta' Kumitat biex juru li l-legislazzjoni de quo ma kenitx intiza biex tkopri proprjeta` bhal dik in kawza imma kellha tolqot biss dik il-proprjeta` li dwarhom kien hemm kawza gia` pendenti u li bl-ezitu taghha setghu jigu affettwati drittijiet ta' terz, li mhux il-kaz f'din il-kawza. L-appellat nomine ghalhekk ma kellu l-ebda interess guridiku biex jipproponi din il-kawza ghax il-proprjeta` kienet gia` ghaddiet u saret proprjeta` tal-Gvern Malti. Dan il-punt gie ribadit ukoll per via ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri (ara fol. 22 tal-process).

12. Illi fil-31 ta' Awissu 1993, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat decizjoni in parte proprju dwar l-eccezzjoni ulterjuri fejn din giet respinta wara l-konsiderazzjonijiet hawn taht riportati (ara fol. 43 – 45 tal-process), jigifieri:
"Illi l-kwistjoni involuta f'din l-eccezzjoni naturalment tiddependi interament fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu rilevanti ta' l-Att IV ta' l-1992, cioe` ta' l-Artikolu 1(2)[1].
Dan l-artikolu hu car u ma jinhtiegx interpretazzjoni ulterjuri. L-istess artikolu jaghmel rizerva eccezzjonali ghat-trasferiment tal-proprjeta` tal-knisja f'"dawk il-kazijiet fejn il-proprjeta` in kwistjoni 'is the subject matter of a lawsuit to which an ecclesiastical entity is a party ...'

Mela din il-Qorti ma jidhrilhiex utili illi tidhol fid-diskussjonijiet parlamentari li ccirkondaw il-promulgazzjoni ta' l-Att.

[1] L-Artikolu 1(2) li ghalih qed issir referenza ma hux proprjament artikolu ta' l-Att in kwistjoni izda l-artikolu tal-ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti li jinsab fl-Iskeda annessa ma' l-Att, illum Kap.358.

Izda dak li jrid jigi stabbilit hu jekk meta kellu jsir it-trasferiment skond il-ligi, il-vertenza kenitx wahda diga` kontestata fil-Qorti cioe` kenitx “the subject matter of a lawsuit to which an ecclesiastical entity is a party”.

Il-kawza citata fin-noti ta’ l-osservazzjonijiet ‘Joseph Aquilna nomine – vs – Sultana’, kienet titratta fuq vertenza li kienet diga` pendenti quddiem il-qrati inferjuri meta l-Att gie <u>in vigore</u> u l-Qorti kif presjeduta ddecidiet illi l-attur nomine kellu interess li jsegwi l-istess biex jittutela l-interessi tieghu.

Fil-kaz in ezami, ic-citazzjoni giet ipprezentata fit-18 ta’ Frar, 1993.

Bl-avviz legali numru 57/93 l-Att gie rez applikabbli ghall-finijiet tal-vertenza odjerna fid-data tat-18 ta’ Frar, 1993. Dan l-avviz legali hareg fil-gazzetta tal-Gvern tat-30 ta’ April, 1993.

Ghalhekk meta giet intavolata l-kawza ma kienx ghadu dahal in vigore l-Att ghall-finijiet in ezami, il-vertenza kienet ‘the subject matter of a lawsuit’ li giet intavolata proprju fl-istess gurnata.”

13. Illi minn qari ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandu jirrizulta bic-car (ara Artikolu 5(2) ), illi meta Att tal-Parlament jigi fis-sehh f’xi jum partikolari, dan ghandu jinftiehem li dak l-Att jigi fis-sehh <u>minnufih malli jispicca l-jum ta’ qabel</u>. Ikun utili li jigu hawn riportati l-partijiet saljenti tal-ligi mill-Kap. 249, u cioe` li,
“5 (1) F’dan l-Att, u f’kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att, l-espressjoni ‘bidu fis-sehh’ meta uzata bhala riferenza ghall-Att, tfisser iz-zmien li fih l-Att jibda jsehh.

(2) Meta Att tal-Parlament mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att, jew meta xi ordni, warrant, skema, regola, regolament, bye-law, avviz jew dokument iehor, maghmula, moghtija jew mahruga wara l-bidu fis-sehh ta’

dan l-Att bis-sahha ta' xi Att, mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, tkun imfissra li tibda ssehh f'xi jum partikulari, din ghandha tiftiehem li tibda ssehh minnufih malli jispicca l-jum ta' qabel."

Issa fl-istess Kap. 249, insibu wkoll li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' tifsir, skond l-artikolu 2(1), "Att" tfisser "Att tal-Parlament u kull Att iehor mghoddi mill-Legislatur ta' Malta u tinkludi kull kodici, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviz jew dokument iehor li ghandu sahha ta' ligi f'Malta ...."

14. Huwa pacifiku li l-ligi de quo giet fis-sehh fid-data tat-18 ta' Frar 1993 permezz ta' avviz legali, igifieri l-Avviz Legali numru 57/93. Skond il-ligi, mela, il-ligi de quo giet fis-sehh minnufih malli spicca l-jum ta' qabel, cioe` il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Frar 1993. Huwa pacifiku wkoll il-fatt li c-citazzjoni gietypprezentata fil-jum tat-18 ta' Frar 1993. Ma jirrizulta minn imkien li gie miftuh ir-Registru tal-Qorti fil-hin ta' nofs il-lejl tal-jum ta' qabel. Ifisser mela li l-att tac-citazzjoni dahal matul il-jum tat-18 ta' Frar 1993 u meta allura l-Att ta' trasferiment kien gia` gie rez effettiv mal-hin ta' nofs il-lejl tal-jum ta' qabel. Dak li qalet fl-ewwel sentenza taghha in parte il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Awissu 1993 kien kollu korrett hlief ghall-ahhar paragrafu kif fuq citat fejn kjarament jidher li l-ewwel Qorti m'gharfitx tapplika sew dak li tghid il-ligi taghna fl-Att dwar Interpretazzjoni, Kap. 249. Li probabilment gara hu li peress li l-partijiet intilfu fuq aspetti ohra legali tal-kwistjoni, dan il-punt hekk baziku, u li kellu invece jservi bhala l-punt ta' tluq, gie injorat. Minn dan titnissel ukoll il-konkluzzjoni naturali li, ankorke` fil-mertu l-appellat nomine seta' kellu ragun, jibqa' xorta wahda l-fatt li, meta giet proposta l-azzjoni, il-proprjeta` de quo kienet gia` ghaddiet ghand il-Gvern Malti u dana peress kif tajjeb sostnew l-appellanti, l-appellat nomine kien, b'effett ta' l-Att IV ta' l-1992, gia`, zvesta ruhu minn kull jedd jew titlu fuq dik il-proprjeta` kollha li ma kenitx ghadha soggett ta' kawza quddiem dawn il-qrati. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellanti jidher wiehed pjenament fondat u dan ifisser ukoll li legalment l-kawza ma setghetx tigi proposta mill-appellat nomine fl-interess ta' l-entitajiet ekklezjastici

minnu msemmija. Dan l-aggravju wahdu huwa bizzejjed biex iwassal ghar-revoka kemm ta’ l-ewwel decizjoni in parte li nghatat mill-Prim Awla fil-31 ta’ Awissu 1993, kemm ukoll dik sussegwenti, moghtija fid-19 ta’ Frar 1996, u li minnha gie anke interpost appell mill-partijiet konvenuti. Ghahekk ifisser li ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tinvesti l-bqija ta’ aggravji tal-konvenuti appellanti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-appell tal-konvenuti appellanti, tirrevoka kemm is-sentenza moghtija fil-31 ta’ Awissu 1993 u kemm is-sentenza l-ohra tat-12 ta’ Frar 1996 u dan ukoll billi tichad it-talbiet kollha ta’ l-appellat nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------